MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2000/1

**Mario Galea**

**vs**

**David Calleja**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta’ Marzu, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għal l-inċident stradali illi ġara fit-18 ta’ Frar 1999 fi Triq l-Imġarr, kantuniera ma’ Triq il-Mitħna, Xewkija, Għawdex bejn it-trakk IBA 413

misjuq mill-attur u l-vettura HAL 698 misjuqa mill-konvenut, minħabba traskuraġni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek , inti tiġi kkundannat tħallas lill-attur id-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-imsemmi inċident stradali .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Novembru, 1999, u tal-ittra uffiċjali tat-22 ta’ Novembru, 1999, kontra tiegħek .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1) Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-konvenut m’humiex responsabbli għall-inċident stradali imsemmi fl-avviż .

2) Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawża tittratta kollizjoni stradali li seħħet bejn truck misjuqa mill-attur u karozza misjuqa mill-konvenut . Il-ħabta seħħet fi Triq l-Imgarr, ix-Xewkija, fil-*crossroads* ma' Triq il-Mitħna, preċiżament ma' fejn hemm it-*traffic lights,* għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta’ wara nofsinhar (5.30 p.m.) . Fil-ħin ta' l-inċident iż-żewġ vetturi kienu telgħin mill-Imġarr fid-direzzjoni tar-Rabat . Il-ħabta seħħet meta t-truck misjuq mill-attur laqat bil-kantuniera tax-xellug ta' quddiem tiegħu l-kantuniera tal-lemin ta' wara tal-karozza misjuqa mill-attur, u dana kif il-konvenut dawwar fid-direzzjoni tal-lemin tiegħu biex jaqsam it-triq u jaqbad dik li tieħu lejn ix-Xagħra .

Dawn huma l-verzjonijiet li taw is-sewwieqa lis-surgent John Saliba ‘a tempo vergine’, meta dan ġie msejjaħ fuq il-post in segwitu għall-ħabta . L-attur qal : “… *that he was driving the truck from the direction of Mgarr towards Victoria at a moderate speed behind the car which I saw it*

*on the left side as indicated by the tyre mark next to the left rear wheel of the truck when I saw the car swerving towards Xagħra . I applied the brakes and the accident occurred" .* Il-konvenut spjegalu : "… *that he was driving his car from the direction of Mgarr towards Xagħra along the right side of the road and the traffic lights was showing green . Suddenly the truck came from behind and hit his car and Calleja who was driving his car at a slow speed lost control of his car due to the collison*." [1].

Mill-iskizz redatt mis-surġent Saliba ftit wara l-kolliżżjoni[2] jirriżulta illi :

1. It-truck misjuq mil-attur (IBA 413) jidher fuq in-naħa tal-lemin tal-karreġġjata ta' min ikun għaddej fid-direzzjoni tar-Rabat ;

2. dan ħalla erba' *brake marks*, u ċioe : ta' 18.5 m. mir-rota tal-lemin ta' quddiem, u 16m minn dik ta' wara; filwaqt illi kellu wieħed ta' 22.5 ir-rota tax-xellug ta' quddiem u 19.7m mir-rota ta' wara ;

3. dawn il-brake marks huma dritti u *parallel* ma' xulxin ;

4. fejn ir-rota tax-xellug ta' wara tat-truck tidher *brake mark* oħra żgħira ta' 1.05m ;

5. il-karozza tal-konvenut (HAL 698) tidher fuq in-naħa l-oħra tat-triq fil-kareġġjata ta' min ikun nieżel fid-direzzjoni ta' l-Imgarr, kemm xejn angolata f'dik id-direzzjoni .

Fl-okkorrenza relattiva s-surġent Saliba rrimarka hekk dwar id-danni fil-karozzi rispettivi :

"*Car HAL 698 : right rear lights, bumper and mudguard"; classification "slight" ;*

[1] ara kopja ta' l-okkorrenza relattiva esebita bħala Dok. MG .. 2. a fol. 11 - 13 tal-process
[2] ara Dok. MG 1 a fol. 10 ibid ..

*"Car IBA 413 : left front mudguard, lights, bonnet and bumper"; classification "slight*".[3]

Fid-depożizzjoni tagħhom quddiem din il-qorti, l-kontendenti żammew bejn wieħed u ieħor l-istess verżjonijiet li kienu taw lis-surġent fuq il-post .

Għalkemm il-konvenut isostni illi huwa kien għaddej fuq il-*lane* tal-lemin tal-karreġġjata ta' min ikun tiela' fid-direzzjoni tar-Rabat, x'ħin intlaqat mill-attur waqt li kien qed jikser biex jaqbad it-triq għax-Xagħra, hija ferm aktar verosimili l-verżjoni mogħtija mill-attur illi huwa kien għaddej fuq il-*lane* ta' barra, x'ħin f'daqqa waħda jilmaħ lill-konvenut li kien fuq il-*lane* ta' ġewwa, jaqbad u jikser għal għarrieda u mingħajr ma' ta ebda pre-avviż permezz ta' *indicators,* u jinvadielu l-karreġġjata tiegħu, tant li kellu jibbrejkja b'kemm seta' fi sforz li jevita l-ħabta . Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet :

1. Il-*brake mark* żgħira mħollija fejn ir-rota tax-xellug ta' wara tat-truck ta' l-attur, tindika illi tassew il-konvenut kien qiegħed fuq il-*lane* ta' ġewwa ;

2. Il-*brake marks* dritti li ħalla t-truck ta' l-attur jindikaw illi huwa baqa' miexi dritt fuq il-*lane* ta' barra u fl-ebda mument ma biddel id-direzzjoni, ta' l-inqas minn x'ħin beda jibbrejkja ;

3. Id-danni li rriżultaw fuq il-vetturi rispettivi, u ċioe' dawk ta' l-attur fil-kantuniera tax-xellug ta' quddiem, u dawk tal-konvenut, fil-kantuniera tal-lemin ta' wara, jindikaw illi l-konvenut kiser lejn il-lemin tiegħu min-naħa ta' ġewwa; kieku ġara kif isostni l-konvenut id-daqqa fuq il-karozza tiegħu x'aktarx kienet minflok tkun fuq in-naħa tax-xellug ;

4. L-ammissjoni ndiretta tal-konvenut stess meta fid-depożizzjoni tiegħu, x'ħin ġie mistoqsi d-daqqa

[3] ara Dok . MG. 2 a fol.12 ibid. .

minn fejn ġiet, qal "*Minn naħa ta' wara . Iżjed kienet magħfusa n-naħa tal-lemin tal-karozza*."[4]

Dwar il-manuvra ttentata mill-konvenut, insibu fir-regolamenti tat-traffiku illi :

**"84. Use extra care at junctions or intersections . Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them …**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following tarffic . Signal your intertion and, when safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn**."[5]

Dan ma jidhirx illi ħa ħsieb josservah sew il-konvenut, għax mingħajr ma ta ebda pre-avviz ta' xejn lil min kien għaddej warajh, qabad u mill-*lane* ta' ġewwa invada l-karreġġjata ta' l-attur li kien għaddej fuq il-*lane* ta' barra, sempliċement għax il-*lights* kienu fuq il-*green* . Dan ifisser illi ma kienx prudenti biżżejjed biex jesplora x'traffiku seta' kien nieżel minn warajh qabel ma ttenta jagħmel il-manuvra tiegħu .

Żgur li mhuwiex il-każ illi l-attur kien aljenat u ma ndunax x'kien qed jipprova jagħmel il-konvenut . Anzi nduna kmieni biżżejjed biex laħaq applika il-*brakes* għal tul ta' iżjed minn għoxrin metru . L-attur, rinfaċċjat b'dan l-ostakolu istantanju meta l-karozza tal-konvenut invadietlu l-karreġġjata tiegħu, fi sforz li jieħu *evasive action*, għafas il-*brakes* kemm seta', imma ma kienx biżżejjed biex jevita l-ħabta . Lanqas jidher illi l-attur kien għaddej b'xi veloċita' esaġerata li setgħet ikkontribwiet għall-ħabta . *Brake marks* tat-tul muri fuq li skizz esebit, jindikaw illi l-attur kien qed isuq b'veloċita' ta' madwar 50/55 k.f.s.[6], xejn straordinarju għal triq bħal ma hija Mgarr Road f'dawk l-inħawi .

---

[4] a fol. 43 tal-process .
[5] The Highway Code pg. 15 .
[6] ara skeda a fol. 56 ibid. .

Huwa applikabbli u ferm adattat għaċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti dak li ntqal mil-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet : "Brian Valenzia noe. vs. Monica Calleja" fl-14 ta' Gunju 1995 fis-sens illi : "… *il-konvenuta kienet negliġenti fis-sewqan billi ma żammitx il-'proper look out' waqt li qed tagħmel manuvra perikoluża u li biha setgħet kif fil-fatt għamlet ostakolat il-passaġġ liberu ta' traffiku ieħor.*" L-istess prinċipju ġie ribadit fil-kawża "Debattista vs. Gatt et." (Prim'Awla 12.3.1991) fejn ġie ritenut li meta sewwieq ikun qiegħed jagħmel manuvra li biha ser jostakola l-passaġġ regolari ta' vetturi ma għandu jieħu ebda riskju u f'każ ta' dubbju hu d-dmir tiegħu li jieqaf, jagħti avviż ta' l-intenzjoni tiegħu u jistenna sakemm ikun ċert li jista' jissokta" .

Dan kollu l-konvenut rriżulta li ma segwiehx u għalhekk il-Qorti ma tistgħax ma ssibux unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża .

L-attur baqa' ma ppreżenta ebda kontijiet dwar id-danni li kellu fil-vettura tiegħu . Ġie esebit biss is-*survey report* magħmul fuq inkarigu tad-ditta assikuratriċi ta' l-istess konvenut . Minn dan id-dokument jidher illi sabiex tissewwa l-ħsara fit-truck ta' l-attur kienu jeħtieġu mija erba' u sittin lira maltija u disa' ċenteżmi (Lm164.09)[7] . Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta dan l-ammont u l-Qorti, tenut kont tal-ħsarat li rriżultaw mir-rapport tas-surġent, jidrilha illi din iċ-ċifra hija ġustifikata, u għaldaqstant ripetibbli . Għalhekk tillikwida l-ammont dovut bħala danni lill-attur f'din is-somma .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ta' l-inċident stradali deskritt fl-Avviż ;

2. tillikwida l-ammont dovut in linea ta' danni mill-konvenut lill-attur fis-somma ta' mija erba' u sittin lira maltija u disa' ċenteżmi (Lm164.09); u

---

[7] ara Dok MG 3 a fol. 14

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-16 ta' Novembru 1999 u ta' l-ittra uffiċċjali tat-22 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut."

Mill-appell interpost mill-konvenut fil-konfront ta' din is-sentenza huwa jsostni, b' aggravji, illi l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-provi prodotti, naqset milli taghmel applikazzjoni korretta tar-regolamenti tas-sewqan, ma applikatx tajjeb ir-regoli probatorji u, fl-aghar ipotesi, kellha ssib liz-zewg sewwieqa responsabbli u mhux unikament lilu;

Tinhass dejjem il-htiega fi kwestjonijiet ta' incidenti awtomobilitici illi jigu stabbiliti qabel xejn certi fatti rilevanti biex minnhom tigi dezunta l-htija ta' kull min jinsab involut fil-habta:-

(1) Iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni gejjin mill-Imgarr. Meta waslu vicin it-*traffic lights* f' dik il-parti ta' Mgarr Road kantuniera ma' Triq il-Mithna, ix-Xewkija sehh l-incident;

(2) Il-konvenut ried jikser ghat-triq li taghti fid-direzzjoni tax-Xaghra. Hu jghid li xeghel l-*indicator* - fatt dan li hu ma ddikjarahx *a tempo debito* lis-Surgent li nvestiga l-kollizjoni - sema' twerziqa ta' *brakes* u sar l-iskontru mal-vettura tieghu. Bid-daqqa tilef il-kontroll u sab ruhu n-naha l-ohra tat-triq bil-karozza tieghu thares 'il fuq. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 43;

(3) L-attur minn naha tieghu jghid li kien qed isuq bi *speed* moderat meta, habta u sabta, fegget quddiemu l-vettura misjuqa mill-konvenut u, avolja applika l-*brakes* xorta wahda dawn ma rabtux bizzejjed minhabba zrar li kien hemm fit-tirq u baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenut. Huwa jghid li ma nghata ebda

ndikazzjoni mill-konvenut li dan kien ser jikser minn quddiemu. Ara xhieda tieghu a fol. 7 u fol. 32;

(4) Il-konvenut jiddikjara li hu kien qabel il-habta fuq l-istess *lane* ta' l-attur. Dan hu eskluz mill-attur li jsostni li l-konvenut kien fuq ix-xellug tieghu. Mix-xhieda tas-Surgent 346 John Saliba (fol. 25) jirrizulta li l-vettura ta' l-attur halliet tmintax-il metru (18 m) *brake marks* mentri dik tal-konvenut halliet 1.05 metri *tyre mark*;

Premessi dawn il-fatti, fil-hsieb tal-Qorti huwa certament ta' importanza vitali, aktar mid-deposizzjonijiet taz-zewg konducenti, l-indikaturi ta' fatt li johorgu oggettivament mir-*res gestae*. Fundamentali fost dawn hu l-iskizz preparat mis-surgent u d-daqqiet li ssubew iz-zewg vetturi;

Obbjettivament, l-iskizz u d-daqqiet jiffavorixxu aktar lill-versjoni ta' l-attur milli dik provvduta mill-konvenut appellant. Huwa ferm indikattiv mis-senjalazzjoni tat-*tyre mark*, li dwaru l-istess konvenut ma eskludiex li seta' thalla mill-karozza tieghu, illi qabel l-impatt il-konvenut kien tabilhaqq fuq ix-xellug ta' l-attur. Minn naha l-ohra l-vettura ta' l-attur jidher li zammet dejjem fuq in-naha taghha tat-triq il-ghaliex immedjatament qabel il-kollizjoni din halliet *brake marks* fid-dritt, paralleli mat-triq, li jindikaw bla dubju ta' xejn fejn kien dak il-hin. Hemm imbaghad il-prova li jaghmlu d-daqqiet. Dawk fuq il-vettura tal-konvenut fuq il-parti leminija ta' wara: *right mudguard*, faccata, il-fanal u l-*bumper* (ara xhieda tas-*surveyor* John Callus, fol. 71 u s-*survey report,* fol. 74). Fil-fehma tal-Qorti dawn id-daqqiet jindikaw li fil-mument ta' l-iskontru l-vettura tal-konvenut kienet angolata lejn il-lemin. Apparti li l-istess konvenut f' waqtiet minnhom jittituba x' manuvra ghamel, hu cert pero li kieku kien fl-istess *lane* ta' l-attur id-daqqa fuq il-vettura tieghu kienet tkun ferm aktar mifruxa minn dik effettivament lokalizzata ghall-partijiet indikati hawn fuq;

L-appellanti jiccensura lill-ewwel Qorti talli din, skond hu, injorat ir-regolament dettat mill-prudenza li jipprojbixxi s-sorpass ta' vetturi ohra fil-vicinanzi ta' *traffic lights*. Biex dan ir-regolament jista' jinghad li gie infrant trid tezisti l-prova univoka li l-attur kien f' dak il-mument qed jaghmel manuvra ta' *overtaking.* Ir-rizultanzi probatorji f' dan il-kaz ma jsostnux din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Hemm imbaghad il-fatt li mhux dejjem s-sorpass jista' a priori jitqies bhala xi manuvra inkonsulta. Dan hu sew illustrat mis-sentenza riportata a **Vol. XLIII P I p 243**. Taghmel aktar sens fic-cirkustanzi partikulari tal-fattezzi tal-kaz dik ir-regola ta' prudenza u ta' bon sens li tghid li min ikun sejjer jaqsam il-linja tat-triffiku kellu juza diligenza fi grad gholi biex ma jostakolax lit-traffiku gej minn warajh u b' hekk johloq ukoll emergenza subitanea li generalment tavvera ruhha meta wiehed inaspettatament jaqbad u jibdel il-manuvra tas-sewqan tieghu;

Dan affermat, anke kieku stess kellha din il-Qorti taccetta l-versjoni ta' l-appellant illi hu xeghel l-*indicator* hu ben maghruf illi dan xorta wahda ma jistax, imbaghad, sempliciment ghax xeghel l-*indicator* jaghmel li jrid, jikser il-prijorita` li jaghtu r-regolamenti, jinblokka t-triq libera ghal min ikun legittimament gej fuq il-karreggjata proprja tieghu, jew jaqleb ir-"*rule of the road*" favur tieghu. Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 868**. Jinsab in effett ritenut ukoll illi l-manuvra ta' "*cutting out*" hi wahda delikata li timponi fuq min jaghmilha li qabel xejn jassikura ruhu minn qabel li huwa jista' jaghmilha bla perikolu. Ara **Kollez. Vol. XXXIII P IV p 915**;

Issa hu veru li n-negligenza ta' sewwieq wiehed ma tiskuzax is-sewqan ta' l-iehor ghaliex id-diligenza u l-prudenza jiddettaw dejjem li wiehed ghandu jadotta dawk il-mezzi kollha possibbli biex jiskansa l-emergenzi u l-imprudenza ta' haddiehor. L-appellanti jattribwixxi lill-attur velocita` fis-sewqan fi grad akbar minn dik konsentita lilu. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbelx ma' din is-sottomissjoni. L-ewwelnett ma jidherx li xi wiehed miz-zewg sewwieqa kien qed isuq b' velocita` aktar milli

jmissu. Dan hu spjegat ukoll mill-fattur danni li ma jidherx li kienu ta’ xi entita` kbira. Fit-tieni lok, l-incident ma jidherx li kien dovut ghal xi sewqan ezagerat ta’ l-attur imma ghall-manuvra ferm inkonsulta li ghamel l-appellant innifsu u li ma hallietx lok biex l-appellat jirreagixxi tempestivament b’ azzjoni evasiva. La ma kienx hemm negligenza antecedenti da parti ta’ l-attur, din il-Qorti difficilment tista’ taccetta bhala proposizzjoni valida s-sottomissjoni finali ta’ l-appellant illi ghandha ssib anke lill-attur responsabbli ghall-kollizjoni;

Fil-kumpless din il-Qorti ma ssibx li l-analizi ta’ l-incident maghmula mill-Qorti nferjuri kienet tiddifetta u konsegwentement mhix lesta li taccetta l-invit ta’ l-appellant li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar. Ebda kongettura proposta fir-rikors ta’ l-appell ma tista’ verament tinnewtralizza l-prova certa li jaghmlu l-iskizz u n-natura tad-daqqiet subiti mill-vetturi rispettivi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------